# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2023**

**Talba nru. 341/2019**

**VICKY MAGRI**
**(ID 728748M)**

***VERSUS***

**EDWIN FARRUGIA**
**(ID45365M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fil-31 ta' Ottubru 2019 l-attrici talbet lill-konvenut il-hlas ta' l-ammont ta' tmien mija sitta u hamsin Ewro (Eur 856.00) rapprezentanti;

*"hsara kkagunata minn l-intimat konsegwenza ta ingress ta ilma mill-propjeta tieghu. Minhabba dan l-ingress ta' ilma, l-attrici sofriet hsara fis-saqaf tal-kamra tas-sodda taghha. Dan is-saqaf irid jinzebah mill-gdid. L-attrici kellha tinkariga u thallas perit u peress li l-intimat ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ispejjez baqa inadamepjenti."*

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat a fol.16.

Ra r-risposta ipprezentata fit-22 ta' Novembru 2019 illi fiha l-konvenut eccepixxa illi;

*Prelimarjament l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi huwa m'ghandu l-ebda tort fil-hsara li allegatament sofriet ir-rikorrenti fil-propjeta taghha*;

*Illi dan gie ikkonfermat mill-istess perit li ingaggat ir-rikorrenti wara spezzjoni tal-propjeta ta' l-esponenti, li sehhet wara l-ispezzjoni li t-tali perit ghamel fil-propjeta tar-rikorrenti liema perit jidetta inter alia li "the condition report of the property shows that the property is in good structural condition and well maintained" u li "the condition of the bathroom especially the shower of Mr. Farrugia is in good condition. The bath was also inspected and it seems that it does not leak any water."*

*Illi dan gie ikkonfermat ukoll da pareti ta' l-esponenti wara li ha l-passi necessarji sabiex jikkonferma li m'ghandu l-ebda forma ta' kontribuzzjoni ghall-allegat hsara li garrbet ir-rikorrenti fil-propjeta taghha, inkluz li laqgha lill-perit taghha, kif spjegat aktar il fuq, u li wettaq spezzjonijiet ulterjuri fil-propjeta tieghu.*

*Illi l-esponenti informa b'dan lir-rikorrenti wara li wiegeb ghall-komuniki taghha permezz ta' ittra legali mibghuta mill-Avukat ta' fiducja tieghu;*

*Illi b'dan tenut l-esponenti jirrileva illi ma hemmx u qatt ma kien hemm ingress ta' ilma mill-propjeta tieghu li qieghed jikkawza jew li seta jikkawza danni lill-propjeta tar-rikorrenti;*

*Illi ghalhekk l-esponenti ma kkawza ebda dannu lir-rikorrenti;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti qieghed jichad in toto kwalunkwe pretensjoni fil-konfront tieghu in kwantu ghal kwistjoni mertu tal-kawza odjerna u ghaldaqstant kwalunkwe allegazzjonijiet fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt."*

It-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda imressqa flimkien mad-dokumenti ipprezentati.

Ra l-atti processwali kollha;

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet fl-10 ta' Mejju 2022.

Illi qabel dan it-Tribunal jaghmel il-konsiderazzjonijiet tieghu, sejjer jaghmel sintezi tal-provi migbura.

<u>Provi</u>

Illi fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2020 xehdet l-attrici Vicky Magri kif ukoll il-Perit Charles Buhagiar u gie ipprezentat affidavit ta' Dr. Claudio Zammit.

L-avukat Zammit jikkonferma illi l-attrici kienet klijenta tieghu u li kien bghat xi ittri u ta pariri u li kien thallas ghal dan is-servizz professjonali l-ammont ta' Eur 70.80.

L-attrici xehdet illi hija toqghod f'appartament sottopost ghal appartament tal-konvenut. Il-kwistjoni qamet fil-5 ta' Marzu 2019 meta, "*Mela dan gie wiehed mill-haddiema tieghu gie jghidli li ghandu l-hsara li qed jidhollu l-ilma. U jiena ghidtlu la qed jidhollu l-ilma ghedtlu intiegh permess li jirranga. Mela dan all right, mela beda jirranga fejn ried hu*."

Mistoqsija minn fejn kien qed jidhollu l-ilma l-konvenut, l-attrici wiegbet "*qalli qed jidhollu mit-tieqa tal-faccata, mit-tieqa minn gol-bitha mill-faccata*."

L-attrici tghid illi wara xi xahar u nofs wara li kien mar dan il-haddiem imqabbad mill-konvenut ghandha, hija kellha hsarat wkoll ghaliex beda jillikja gos-saqaf. L-attrici tghid, *"Ehe, beda jillikja u bdejt ninnota li s-saqaf qieghed bl-ilma, tbajja kbar u bl-ilma*." Konsegwenza ta' dan, l-attrici qabbdet lil Perit Charles Buhagiar sabiex jispezzjona l-fond taghha kif ukoll dak tal-konvenut. L-attrici elenkat l-ispejjez li ghamlet biex hallset lil Perit Buhagiar taz-zewg spezzjonijiet kif ukoll ghal spejjez legali u professjonali.

L-attrici tghid fix-xhieda taghha illi l-hsara ghadha hemm. "*S issa waqfet imma l-hsara saret*". Ix-xhud tikkonferma illi l-ingress ta' l-ilma grat darba. (a Fol. 35).

Il-Perit Charles Buhagiar jghid illi l-insepction on site ghamilha l-Perit Leonard Spiteri izda r-rapport iffirmat minnu. Gie konfermat a Fol.38 tax-xhieda, illi z-zewg rapporti imressqa fil-kaz odjern ghalkemm iffirmati mix-xhud, ma kienx hu li mar fuq il-post biex jaghmel l-ispezzjoni. Ix-xhud izda seta jikkonferma l-hlasijiet li ircieva l-ufficcju tieghu fuq inkarigu ta' l-attrici.

Fl-udjenza ta' l-10 ta' Dicembru 2020 xehed il-Perit Leonard Spiteri fejn ikkonferma illi "*Mela ovvjament li mort fit-22 ta' Marzu il-hin preciz is-siegha ta' wara nofsinhar, u fil-kamra tas-sodda tan-naha ta' wara tal-post taghha kien hemm patch mas-saqaf, u dan kollu ghax kien hemm xi dhul ta' ilma minn x imkien jigifieri."* Saret ukoll spezzjoni fil-fond tal-konvenut fit-18 ta' Mejju 2019. Ix-xhud jghid illi "*Il-kondizzjoni issa ezatt fuq din il-kamra, ta' ma genbha l-kamra tal-banju. Il-kondizzjoni taghha kienet tajba; jigifieri hemm shower, il-madum taghha kien tajjeb u l-banju huwa tajjeb ukoll. Ma nafx imma ovvjament qabel x kien hemm jigifieri, x kondizzjoni kien hemm*." Ix-xhud esebixxa iz-zewg rapporti relatati maz-zewg spezzjonijet li ghamel.

Fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2020, l-attrici iddikjarat li ezawrixxiet il-provi taghha.

Il-konvenut ipprezenta l-affidavit tieghu fit-23 ta' Frar 2021, li jghid illi fis-26 ta' Marzu 2019 kien ircieva ittra minghand il-perit ta' l-attrici rigward it-tebgha li kellha l-attrici fil-fond taghha. Il-konvenut jikkonferma illi l-perit ta' l-attrici kien mar jaghmel spezzjoni fil-fond tieghu fit- 18 ta' Mejju 2019. Fix-xhieda tieghu (a fol.58) il-konvenut isostni illi " *. . . u l-Perit saqsiha jekk il-hsara li kellha zdieditx u hi qaltlu li bejn Marzu u Mejju kienet baqghet l-istess ma zdieditx. F'dak il-perjodu ta' zmien jien m'ghamiltx tibdiliet, ma sewwejt xejn u l-ebda xogholijiet ma saru fil-propjeta tieghi. Minn dakinhar sal-lum il-gurnata ma rcevejtx iktar rapporti ta' xi hsara ohra."*

Fil-11 ta' Gunju 2021 xehdet l-attrici in konto ezami fejn sostniet illi l-hsara kienet gejja minghand il-konvenut a bazi tal-fatt li hu kien joqghod fuqha u li "*hu kien irranga dak iz-zmien*" (Fol.66).

Fis-26 t'Ottubru 2021, saru l-kontro ezamijiet tal-Perit Charles Buhagiar u tal-Perit Leonard Spiteri. Il-perit Leonard Spiteri jghid illi huwa kien mar darbtejn ghand l-attrici u kien osserva li t-tebgha li kellha fis-saqaf ma kienetx kibret. Meta mistoqsi kemm-il darba kien hemm xi hsara jekk it-tebgha kienetx tibqa tikber, il-perit wiegeb fl-affermattiv. Ix-xhud jikkonferma wkoll illi ma saru l-ebda testijet biex wiehed jara l-perkolazzjoni ta' l-ilma minn fejn kienet gejja izda kollox sar vizwalment. Anzi x-xhud jghid hekk, "*Kieku rajtha tikber konna naghmlu dawk l-affarijiet li semmejt inti. Imma la baqghet l-istess, qed tifhimni? Il-hsara grat qabel, qabel mort jien naghmel l-inspection*."

Il-Perit Leonard Spiteri mistoqsi direttament "*Apparti dawn l-affarijiet li hawn miktubin, taqbel mieghi illi r-rapport ma jasalx ghal konkluzjoni*" wiegeb, "*Naqbel*." Dan ghaliex l-ispezzjoni u r-rapport li sar mill-Perit Spiteri rigward il-fond ta' l-attrici kien biss fuq il-kundizzjoni tal-fond f dik il-gurnata ta' l-ispezzjoni. Il-Perit jghid ukoll (a fol.85) illi meta qal minn fejn seta jigi l-ilma kienet biss assunzjoni tieghu. Matul l-ispezzjoni fil-fond tal-konvenut, il-Perit jghid li sab kollox f'kundizzjoni tajba u li ma setax kien hemm xi tibdil kbir li ippreceda l-ispezzjoni tieghu.

Il-konvenut wiegeb ghad-domandi in kontro ezami fis-7 ta' Frar 2022 fejn jghid illi ma hemm l-ebda relazzjoni tajba ma' l-attrici minkejja li huma girien. Fir-rigward tal-hsarat il-konvenut jghid illi c-caqliq ta' unit ta' air conditioner ma kkaguna l-ebda hsara jew ingress ta' ilma u li dan ma jistax jaffettwa l-kamra fejn l-attrici qed tallega li ghandha it-tebgha.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi primarjament huwa fatt maqbul bejn iz-zewg partijiet illi minkejja li girien ma hemm l-ebda relazzjoni ta' bon vicinat. Konsegwentament, kif qal ben tajjeb l-abli difensur ta' l-attrici, minhabba naqra tebgha fis-saqaf kellhom jigu involuti l-periti u kellhom jigu involuti l-avukati.

L-attrici tattribwixxi l-htija ghal din it-tebgha fis-saqaf lill-attur u dan mihabba illi huwa kien ghamel xi xogholijiet fil-fond tieghu u konsegwenza ta' dawn ix-xogholijiet kien hemm din il-perkolazzjoni ta' ilma.

Il-periti mqabbda mill-attrici ghamlu zewg spezzjonijiet, wahda ghand l-attrici u ohra ghand il-konvenut. Illi dan it-Tribunal evalwa r-rapporti tal-perit u minnhom jirrizulta biss dak li kien vizwalment fattwali u cioe illi kienet tidher tebgha fis-saqaf ta' l-attrici li tkun rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma. Mill-ispezzjonijet li saru u anke mir-rapportiipprezentati ma jirrizulta minn imkien illi t-tebgha hija rizultat ta' xi perkolazzjoni ta' ilma li gejja minghand il-konvenut.

L-attrici tishaq in sostenn ta' l-argument taghha illi meta l-periti taghha kellmu lill-konvenut, l-ilma waqaf u t-tebgha ma kibritx u ghaldaqstant dan juri car illi l-problema kienet gejja minghand il-konvenut.

Min-naha l-ohra, dan it-Tribunal ghandu certifikazzjoni minghand il-perit imqabbad mill-attrici illi l-kamra tal-banju, minn fejn allegatament kienet gejja l-problema ta' l-ilma kienet fi stat tajjeb u anke l-fond kien fi stat ta' manutenzjoni tajba. Minn barra dan il-perit jikkonkludi illi "*no other issues were noted during the inspection.*"

Matul il-kawza, l-attrici issemmi wkoll illi l-konvenut kien caqlaq unit ta' air conditioner u li dan seta wkoll ikkagguna l-perkolazzjoni ta' l-ilma. Dan it-Tribunal ghandu dawn l-osservazzjonijiet x jaghmel fuq dan il-punt:-

a. fir-rapporti tal-perit ma jissemma xejn fuq caqliq ta' units ta' air conditioners izda l-attenzjoni kienet biss fuq il-kamra tal-banju minhabba li din kienet tigi ma genb il-kamra tas-sodda fejn kien hemm it-tebgha.
b. Ir-rapport tal-perit ex parte jiddikjara li ma nnota xejn hazin u ghaldaqsant din hija certifikat minnha nfisha li huwa ma ra xejn li seta holoq problema.

c. Illi ma ngiebet l-ebda prova quddiem dan it-Tribunal dwar meta, kif u x seta wassal ghal perkolazzjoni ta' l-ilma minn dan ic-caqliq ta' l-unit ta' l-air conditioner.

Illi b'mod ġenerali jingħad li l-kunflitt ta' provi hija ġrajja normali f'proċessi ta' dan it-tip u partikolarment fic-cirkostanzi li ilom jghixu fihom il-partijiet. F'tali xenarju l-Ġudikant għandu jkun essenzjalment iggwidat b'żewġ prinċipji bażilari u ċioé l-utilizzar ta' forma ta' korroborazzjoni u fin-nuqqas taċ-ċertezza morali, iċ-ċaħda tat-talba.

Illi dan it-Tribunal irid jistrieh biss fuq il-provi prodotti quddiemu u ghaldaqstant tenut ta' dak li gie allegat mill-attrici u dak li wiegeb il-konvenut, ix-xhieda tal-periti u r-rapportiipprezentati minnhom igorru importanza kbira ghal din il-kwistjoni.

Kif ga gie riassunt iktar il-fuq, il-periti li xehdu f'din il-kawza, fl-ebda punt ma attribbwew jew waslu ghal konkluzjoni li l-konvenut jahti ghal xi perkolazzjoni ta' ilma. Dan anke b'rizultat ta' mankanza minn testijiet ulterjuri li setghu saru sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm perkolazzjoni ta' ilma u minn fejn kien gej. Il-perit Leonard Spiteri li kien mar fuq il-post jaghmel l-ispezzjonijiet kien car hafna meta wiegeb illi ma jistax jghid li l-ilma kien gej minghand il-konvenut.

Illi dan it-Tribunal huwa rinfaccat b'rapporti ta' periti illi ma jikkonkludu bl-ebda mod x wassal biex l-attrici kellha din it-tebgha fis-saqaf. Pjuttost r-rapport fuq il-fond tal-konvenut jiskolpawh ghal kollox minn xi nuqqas.

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi jiċħad t-talba ta' l-attrici u dan ghax tali talba mhux pruvata sal-grad rikjest fil-Ligi, bl-ispejjez ta' dan il-procediment ikunu kollha a karigu ta' l-attrici.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-attrici.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur